SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

21 ta' Settembru 2017 *

"Appell – Akkordji – Produtturi Taljani ta' vireg għar-rinfurzar tal-konkrit – Iffissar tal-prezzijiet kif ukoll limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni u tal-bejgħ – Ksur tal-Artikolu 65 KEFA – Annullament tad-deċiżjoni inizjali mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Deċiżjoni adottata mill-ġdid abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Assenza ta' ħruġ ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida – Assenza ta' seduta wara l-annullament tad-deċiżjoni inizjali – Terminu inkors fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali"

Fil-Kawża C-89/15 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-24 ta' Frar 2015,

Riva Fire SpA, fi stralċ stabbilita f'Milan (l-Italja), irrappreżentata minn M. Merola, M. Pappalardo, T. Ubaldi u M. Toniolo, avukati,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Malferrari u P. Rossi, bħala aġenti, assistiti minn P. Manzini, avukat, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn E. Juhász, President tal-Awla, C. Vajda (Relatur) u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Ottubru 2016,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Diċembru 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Riva Fire SpA (iktar ’il quddiem “Riva”) titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta’ Diċembru 2014, Riva Fire vs Il-Kummissjoni (T-83/10, mhux ippubblikata, iktar ’il quddiem is-“sentenza appellata”, EU:T:2014:1034), li permezz tagħha, din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2009) 7492 finali, tat-30 ta’ Settembru 2009, dwar ksur tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – vireg tal-ħadid li jsaħħu l-konkrit – adozzjoni mill-ġdid, iktar ’il quddiem id-“Deċiżjoni tat-30 ta’ Settembru 2009”), fil-verżjoni tagħha emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9912 finali, tat-8 ta’ Diċembru 2009 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni li temenda”) (Deċiżjoni tat-30 ta’ Settembru 2009, kif emendata bid-deċiżjoni li temenda, iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 16 sa 21 tas-sentenza appellata:

“16 Minn Ottubru sa Diċembru 2000, il-Kummissjoni wettqet verifiki skont l-Artikolu 47 KEFA fl-impriżi Taljani li jipproduċu vireg għar-rinfurzar tal-konkrit u f’assoċjazzjoni ta’ impriżi siderurġiċi Taljani Hija bagħtitilhom ukoll talbiet għal informazzjoni, skond l-Artikolu 47 KEFA […]

17 Fis-26 ta’ Marzu 2002, il-Kummissjoni fetħet proċedura amministrattiva u fformulat ilmenti skont l-Artikolu 36 KEFA (iktar ’il quddiem id-“dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet”) […] [Riva] ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub dwar id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Inżammet seduta fit-13 ta’ Ġunju 2002 […]

18 Fit-12 ta’ Awwissu 2002, il-Kummissjoni fformulat ilmenti addizzjonali (iktar ’il quddiem id-“dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali”), indirizzati lid-destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali, ibbażata fuq l-Artikolu 19(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta’ Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3), il-Kummissjoni spjegat il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tat-tkomplija tal-proċedura wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA. [Riva] ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub fl-20 ta’ Settembru 2002 u t-tieni seduta fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri seħħet fit-30 ta’ Settembru 2002 […]

19 Fi tmiem il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2002) 5087 finali, tas-17 ta’ Diċembru 2002, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65 KEFA (COMP/37.956 – Vireg għar-rinfurzar tal-konkrit) (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni tal-2002”), li permezz tagħha hija kkonstatat li l-impriżi destinatarji tagħha kienu implementaw akkordju uniku, kumpless u kontinwu fis-suq Taljan tal-vireg jew tar-rombli għar-rinfurzar tal-konkrit, li kellu bħala għan jew bħala effett l-iffissar tal-prezzijiet u li kien ukoll wassal għal limitazzjoni jew għal kontroll miftiehem tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, bi ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA […] F’din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni imponiet […] fuq [Riva] multa fl-ammont ta’ EUR 26.9 miljun.

20 Fis-6 ta’ Frar 2003, [Riva] ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni tal-2002. Permezz tas-sentenza tal-25 ta’ Ottubru 2007, Riva Acciaio vs Il-Kummissjoni T-45/03, [mhux ippubblikata, EU:T:2007:318]), il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-2002. Il-Qorti Ġenerali rrilevat, b’mod partikolari fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni tal-2002 ma kienet tinkludi fiha ebda riferiment għall-Artikolu 3 u għall-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, li din id-deċiżjoni kienet ibbażata biss fuq l-Artikolu 65(4) u (5) KEFA […]. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet kienu skadew fit-23 ta’ Lulju 2002, il-Kummissjoni ma setgħetx iktar teżerċita kompetenza abbażi

tagħhom, peress li ma kinux japplikaw fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-2002, biex tikkonstata ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA u biex timponi multi fuq l-impriżi li pparteċipaw fil-ksur imsemmi […]

21 B'ittra tat-30 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti u lill-impriżi kkonċernati l-oħra bl-intenzjoni tagħha li terġa' tadotta deċiżjoni, billi tibdel il-bażi legali meta mqabbel ma' dik li kienet intgħażlet għad-deċiżjoni tal-2002. Barra minn hekk, hija ppreċiżat li, fid-dawl tal-portata limitata tas-sentenza [tal-25 ta' Ottubru 2007,] Riva Acciaio vs Il-Kummissjoni [(T-45/03, mhux ippubblikata, EU:T:2007:318)], id-deċiżjoni adottata mill-ġdid kellha tkun ibbażata fuq il-provi ppreżentati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali. L-impriżi kkonċernati ngħataw terminu sabiex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom […]"

3 Fid-Deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni kkunsidrat, b'mod partikolari, li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) kellu jiġi interpretat fis-sens li jippermettilha tikkonstata u tissanzjona, wara t-23 ta' Lulju 2002, l-akkordji fis-setturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA *ratione materiae* u *ratione temporis*. Hija indikat li din id-deċiżjoni ġiet adottata konformement mar-regoli proċedurali tat-Trattat KE kif ukoll mill-imsemmi regolament u li d-dispożizzjonijiet sostantivi li ma kinux għadhom fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni ta' att, jistgħu jiġu applikati skont il-prinċipji li jirregolaw is-suċċessjoni tar-regoli fil-ħin, suġġett għall-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali tal-l*ex mitior*.

4 L-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni jipprevedi, b'mod partikolari, li Riva kienet kisret l-Artikolu 65(1) KEFA, billi pparteċipat, mis-6 ta' Diċembru 1989 sas-27 ta' Ġunju 2000, fi ftehim kontinwu u/jew fi prattiki miftiehma fir-rigward tal-vireg jew tar-rombli għar-rinfurzar tal-konkrit, li kellhom bħala suġġett u/jew bħala effett l-iffissar tal-prezzijiet u l-limitazzjoni u/jew il-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ fis-suq komuni. Permezz tal-Artikolu 2 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni imponiet fuq Riva multa fl-ammont ta' EUR 26.9 miljuni.

5 Permezz ta' ittri mibgħuta bejn l-20 u t-23 ta' Novembru 2009, tmienja mill-ħdax-il kumpannija destinatarja tad-Deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2009, inkluża Riva, indikaw lill-Kummissjoni li l-anness ta' din id-deċiżjoni, kif innotifikata lid-destinatarji tagħha, ma fihiex it-tabelli li juru l-varjazzjonijiet fil-prezz.

6 Fit-8 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni li temenda, li kienet tintegra t-tabelli nieqsa fl-anness tagħha u li kienet tikkoreġi r-referenzi nnumerati fit-tabelli msemmija fit-tmien noti ta' qiegħ il-paġna

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

7 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Frar 2010, Riva ppreżentat rikors intiż li jitlob lill-Qorti Ġenerali, b'mod prinċipali, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha jew, f'dak li jirrigwardaha u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuqha. Hija talbet ukoll lill-Qorti Ġenerali sabiex tieħu miżuri ta' struzzjoni dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

8 Insostenn tar-rikors tagħha, Riva invokat tmien motivi bbażati, fl-ewwel lok, fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA u fuq il-ksur tar-Regolament Nru 1/2003, fit-tieni lok, fuq ksur tal-Artikolu 10(3) u (5) tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament Nru 1/2003, fit-tielet lok, fuq ksur tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 36 tal-KEFA, fir-raba' lok, fuq ksur tal-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-

7 ta' April 2004, dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101 u 102 TFUE] tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81) kif ukoll id-drittijiet tad-difiża ta' Riva, fil-ħames lok, fuq nuqqas ta' motivazzjoni u fuq kontradizzjoni tal-motivi fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti u fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju *lex mitior*, fis-sitt lok, fuq l-iżnaturament tal-fatti u fuq ksur tal-Artikolu 65 tal-KEFA f'dak li jirrigwarda l-aspetti d-differenti tal-ksur ilmentat fir-rigward ta' Riva, fis-seba' lok, fuq l-assenza ta' struzzjoni u ta' nuqqas ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-imputazzjoni ta' Riva tal-ksur fl-intier tiegħu u l-pożizzjoni speċifika ta' din tal-aħħar fir-rigward tal-aġir li qed tiġi akkużata bih u, fit-tmien lok, fuq ksur tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, ta' ksur tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' multi jew it-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-kawżi li jikkonċernaw akkordji (ĠU 1996, C 207, p. 4), fuq il-ksur tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 65(5) tat-Trattat KE, ĠU 1998, C 9, p. 3), fuq użu ħażin ta' poter, tal-ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza ta' trattament matul l-iffissar tal-multa.

9 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq Riva għal EUR 26 093 000 u ċaħad il-kumplament tar-rikors ta' din tal-aħħar.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

10 Bl-appell tagħha Riva titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha

– prinċipalment, tannulla s-sentenza appellata u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni kkontestata deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata sa fejn iffissat it-tnaqqis tal-multa imposta fuqha għal 3 % u, konsegwentement, li tnaqqas din il-multa b'ammont iktar għoli jew li tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

– inċidentalment, li tiddikjara li l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju tat-tul raġonevoli tal-proċedura, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż marbuta maż-żewġ istanzi.

11 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– ċaħad l-appell, u

– tikkundanna lil Riva għall-ispejjeż.

Fuq it-talba ta' ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura

12 Il-fażi orali tal-proċedura ngħalqet fit-8 ta' Diċembru 2016 wara l-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali. Permezz ta' ittra tas-27 ta' Jannar 2017, ippreżentata fl-istess jum fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex terġa' tiftaħ mill-ġdid il-fażi orali tal-proċedura u li tinfilza fil-proċess provi ta' fatt esposti fit-talba tagħha kif ukoll id-dokumenti annessi magħha.

13 Insostenn għat-talba tagħha, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex suffiċjentement ċara fuq iċ-ċirkustanzi fattwali dwar is-seduti tat-13 ta' Ġunju u tat-30 ta' Settembru 2002, li fuqhom l-Avukat Ġenerali jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu, peress li dawn iċ-ċirkustanzi ma kinux speċifikament dibattuti bejn il-partijiet.

14 L-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jippermettulha, li wara li jkun instema' l-Avukat Ġenerali, tordna fi kwalunkwe mument il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument ta' liġi li ma kienx ġie indirizzat mill-partijiet.

15 Madankollu, għandu jitfakkar, li l-għan tal-appell huwa, fil-prinċipju, iddefinit mill-aggravji u mill-argumenti mqajma mill-partijiet. F'dan il-każ, dawn tal-aħħar kellhom il-possibbiltà li jiddibattu suffiċjentement dawn l-aggravji u dawn l-argumenti fin-noti u s-seduti komuni tagħhom tal-20 ta' Ottubru 2016 fil-Kawżi C-85/15 P sa C-89/15 P.

16 Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, tqis li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura

Fuq l-appell

17 Insostenn tal-appell tagħha, Riva tqajjem erba' aggravji, li minnhom l-ewwel wieħed huwa prinċipali u l-oħra huma mqajma sussidjarjament. Dawn l-aggravji huma bbażati, fl-ewwel lok, fuq żball ta' liġi kif ukoll fuq motivazzjoni mhux suffiċjenti u kontradittorja fis-sentenza appellata f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-ksur tar-Regolament Nru 773/2004 u tad-drittijiet tad-difiża, fit-tieni lok, fuq żball ta' liġi kif ukoll fuq motivazzjoni insuffiċjenti u kontradittorja fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont finali tal-multa, fit-tielet lok, fuq kontradizzjoni u fuq żball ta' liġi billi l-Qorti Ġenerali kklassifikat lil Riva bħala "parteċipanti" fil-ftehim konkluż fix-xahar ta' Diċembru 1998 dwar il-kwoti ta' bejgħ u, konsegwentement, ħadet inkunsiderazzjoni din il-parti tal-akkordju sabiex tiddetermina l-ammont kif ukoll, fir-raba' lok, fuq żball ta' motivazzjoni fir-rigward tal-inċidenza tal-implikazzjoni tad-diriġenti ta' Riva fuq iż-żieda tal-ammont ta' tluq tal-multa. Hija tissottometti wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni inċidentali dwar l-illegalità tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali għal ksur tad- dritt għal proċess fi żmien raġonevoli.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

18 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Riva, essenzjalment tixtieq tikkontesta l-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-punt 124 tas-sentenza appellata li tiċħad l-argument tagħha skont liema l-Kummissjoni kellha l-obbligu li tinnotifikaha bid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida u li żżomm seduta fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri wara l-annullament tad-deċiżjoni tal-2002, qabel tadotta d-deċiżjoni kkontestata.

19 Hija tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali ma tistax tibbaża l-motivazzjoni tal-punti 115 u 120 tas-sentenza appellata fuq il-ġurisprudenza li hija ċċitata hemmhekk, peress li din tirrigwarda l-ipoteżi skont liema minn naħa peress li l-illegalità li tivvizzja d-deċiżjoni tal-2002 seħħet biss wat l-adozzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, l-ilmenti li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni u dik sussegwentement adottata huma l-istess, peress li ż-żewġ deċiżjonijiet huma identiċi fil-punti kollha. Issa, din il-kawża, ma tirrigwardax sempliċi vizzju tal-forma mwettaq mill-Kummissjoni. Għall-kuntrarju, l-iżbalji mwettqa minn din l-istituzzjoni kellhom riperkussjonijiet fuq l-approċċ globali użat minnha u ma kinux iċċirkoskritti għall-identifikazzjoni tal-bażi legali tal-att. Huma kellhom konsegwenzi fuq is-sustanza tal-ksur, inkluż fuq id-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti, fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-*lex mitior* kif ukoll fuq il-kalkolu tal-ammont multa. Barra dan, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li d-deċiżjoni tal-2002 u d-deċiżjoni kkontestata ma kinux identiċi la fil-motivazzjoni tagħhom, la fil-klassifikazzjoni ġuridika ta' ċertu aġir u lanqas fid-dispożittiv tagħhom.

20 Fir-rigward, Riva tikkunsidra li l-konstatazzjoni magħmula fil-punt 122 tas-sentenza appellata, skont liema l-paraguni magħmula minn Riva bejn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ma humiex rilevanti peress li l-annullament tad-deċiżjoni tal-2002 wasslet għat-tħassir tagħha mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, hija żbaljata u kontradittorja. Fil-fatt, fil-punt 120 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-paragun bejn il-kontenut tal-imsemmija deċiżjonijiet u evokat l-għażla tal-Kummissjoni, wara l-annullament tad-deċiżjoni tal-2002, li tadotta deċiżjoni identika li tirrigwarda l-istess ilmenti li fuqhom kienu diġà ddeċidew l-impriżi.

21 Barra minn hekk, Riva ssostni li, fid-dawl tal-prinċipju skont liema r-regoli ta' proċedura japplikaw immedjatament wara d-dħul tagħhom fis-seħħ, wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, il-kuntest proċedurali ddefinit mir-Regolament Nru 773/2004 jistabbilixxi li dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida kienet ġiet nnotifikata lill-impriżi kkonċernati u li ġiet organizzata seduta fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri, li quddiemhom dawn l-impriżi qatt ma kellhom l-opportunità li jesprimu ruħhom fuq il-mertu tal-ilmenti fformulati fir-rigward tagħhom.

22 Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud peress li huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata u qarrieqa tas-sentenza appellata.

23 L-argument dwar l-assenza ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida u ta' seduta fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA huwa infondat sa fejn il-Kummissjoni nnotifikat korrettament lil Riva d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet addizzjonali, adottata b'applikazzjoni tar-regoli ta' proċedura tat-Trattat KEFA, li għaliha Riva rrispondiet bil-miktub u matul is-seduta tat-30 ta' Settembru 2002 fil-preżenza tal-Istati Membri.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

24 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura intiża għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2002, fis-26 ta' Marzu 2002, il-Kummissjoni indirizzat lill-impriżi kkonċernati, inkluża Riva, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, skont l-Artikolu 36 tal-KEFA. Is-smigħ dwar din tal-aħħar seħħ fit-13 ta' Ġunju 2002. Huwa stabbilit li r-rappreżentanti tal-Istati Membri ma ġewx mistiedna li jipparteċipaw għal din is-seduta, peress li tali parteċipazzjoni ma kinitx prevista mir-regoli tat-Trattat KEFA li kien fis-seħħ dak iż-żmien.

25 Wara l-iskadenza ta' dan it-trattat, fit-12 ta' Awwissu 2002, il-Kummissjoni bagħtet lill-imsemmija impriżi d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali, ibbażata fuq l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 17, li fiha hija spjegat il-pożizzjoni tagħha fir-rigward ta' din il-bidla tal-kuntest ġuridiku u stiednet lil dawn tal-aħħar sabiex jesponu il-fehma tagħhom dwar l-imsemmija oġġezzjonijiet addizzjonali. Inżammet seduta fit-30 ta' Settembru 2002 fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri, b'applikazzjoni tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2842/98, tat-22 ta' Diċembru 1998, dwar is-smigħ tal-partijiet f'ċerti proċedimenti taħt l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 4, p. 204).

26 Wara l-annullament tad-deċiżjoni tal-2002, permezz ta' ittra tat-30 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni informat lil Riva l-impriżi l-oħra kkonċernati bl-intenzjoni tagħhom li jadottaw mill-ġdid din id-deċiżjoni billi jibbażaw ruħhom fuq ir-Regolament Nru 1/2003 bħala bażi legali, konformement mar-regoli ta' proċedura previsti minn dan ir-regolament.

27 Fid-dawl ta' dan l-iżvolġiment proċedurali għandu jiġi eżaminat jekk, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 124 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni għandhiex l-obbligu, wara l-annullament tad-deċiżjoni tal-2002, li tiftaħ mill-ġdid il-proċedura u tadotta dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida kif ukoll torganizza seduta ġdida.

28 Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli proċedurali huma ġeneralment maħsuba sabiex japplikaw fid-data ta' meta jidħlu fis-seħħ (is-sentenzi tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*, C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata; tad-29 ta' Marzu 2011, ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni, C-352/09 P, EU:C:2011:191, punt 88, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-610/10, EU:C:2012:781, punt 45), anki fil-proċedura li nbdiet qabel din id-data, iżda li għadha pendenti wara din (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-610/10, EU:C:2012:781, punt 47).

29 F'dan il-każ, peress li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, peress li l-proċedura hija intiża għal din id-deċiżjoni għandha titmexxa konformement ma' dan ir-regolament kif ukoll mar-Regolament Nru 773/2004 li għandu l-bażi legali tiegħu fir-Regolament Nru 1/2003 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni, C-352/09 P, EU:C:2011:191, punt 90), minkejja l-fatt li din il-proċedura inbdiet qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1/2003.

30 L-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament Nru 773/2004, moqri fid-dawl tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 1/2003 li huwa jimplementa, jipprevedi li, qabel ma tiġi adottata deċiżjoni skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 7 ta' dan l-aħħar regolament, il-Kummissjoni tinnotifika lill-partijiet ikkonċernati bid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet billi tagħtihom il-possibbiltà li jinformawh bil-fehma tagħhom f'terminu li hija tiffissa.

31 Madankollu, kif essenzjalment irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punti 117 u 118 tas-sentenza appellata, f'dan il-każ, il-Kummissjoni diġà nnotifikat lill-impriżi kkonċernati bid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali u, b'riferiment għal dawn id-dikjarazzjonijiet, id-deċiżjoni kkontestata ma imponietx atti ġodda fuq Riva u lanqas ma biddlet sensibbilment il-provi tal-ksur ilmentat.

32 F'dan il-kuntest, l-allegazzjoni dwar żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fil-punt 122 tas-sentenza appellata kif ukoll dik ta' kontradizzjoni fir-rigward tal-punt 120 tagħha għandhom jiġu miċħuda. Kif irrilevat il-Kummissjoni fir-risposta tagħha, dan il-punt 120 jittratta l-identiċità tal-oġġezzjonijiet li fuqhom huma bbażati d-deċiżjoni tal-2002 u d-deċiżjoni kkontestata, filwaqt li l-imsemmi punt 122 jirrigwarda l-paragun bejn dawn id-deċiżjonijiet magħmula minn Riva, li l-Qorti Ġenerali kklassifikat bħala li huma irrilevanti sa fejn dawn huma d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u l-aċċess għall-proċess li jippermetti lill-impriżi li huma suġġetti għal investigazzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tal-provi li għandha l-Kummissjoni u tingħata l-effikaċja sħiħa lid-drittijiet tad-difiża. Kuntrarjament għal dak li targumenta Riva, eventwali differenza fit-test bejn l-imsemmija deċiżjonijiet ma timplikax neċessarjament, per se, li l-oġġezzjonijiet ilmentati lill-impriżi kkonċernati nbiddlu, fatt li fi kwalunkwe każ ma ġiex ippruvat minn Riva.

33 Barra minn hekk, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma teżistix differenza kbira, f'dak li jirrigwarda l-kontenut, bejn dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet adottata taħt is-sistema tat-Trattat KEFA au dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet adottata konformement mar-Regolamenti Nri 17 u 1/2003. In-notifika tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida ma hijiex għaldaqstant imposta.

34 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rreferiet, ġustament, għall-punt 73 tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582), li fiha jitfakkar li l-annullament ta' att tal-Unjoni ma jaffettwax neċessarjament l-atti preparatorji, peress li l-proċedura għas-sostituzzjoni tal-miżura annullata tista', fil-prinċipju, tissokta fil-punt stess li fih seħħet l-illegalità.

35 Fil-fatt, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 115 tas-sentenza appellata, id-deċiżjoni tal-2002 ġiet annullata għal nuqqas ta' kompetenza min-naħa tal-Kummissjoni li tadottaha fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KEFA, li ma kienx għadu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, b'tali mod li kienet preċiżament f'dik id-data li seħħet dik l-illegalità. Konsegwentement, dan l-annullament ma jaffettwax id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u lanqas id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali.

36 Kuntrarjament għal dak li ssostni Riva, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 34 ta' din is-sentenza ma hijiex inapplikabbli minħabba li l-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-2002 kellhom konsegwenzi fuq is-sustanza tal-ksur, inkluż fuq id-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti, fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-*lex mitior* kif ukoll fuq il-kalkolu tal-ammont tal-multa. Fil-fatt, jekk il-Kummissjoni bbażat din id-deċiżjoni fuq bażi legali żbaljata, jiġifieri l-Artikolu 65(4) u (5) tal-KEFA, jibqa' l-fatt li, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punti 18 u 119 tas-sentenza appellata, din l-istituzzjoni informat lil Riva bil-konsegwenzi li hija kkonkludiet mill-iskadenza tat-Trattat KEFA fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali, ibbażati fuq l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 17, u Riva kellha l-possibbiltà li tressaq l-osservazzjonijiet tagħha dwar is-suġġett.

37 Barra dan, ma huwiex ikkontestat li l-imsemmija konsegwenzi ma ssubixxew ebda bidla minħabba t-tħassir tar-Regolament Nru 17 u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1/2003, li ċerti dispożizzjonijiet tiegħu jikkostitwixxu l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata. Fi kwalunkwe każ, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 34(2) tar-Regolament Nru 1/2003 u l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 773/2004 jipprevedu, bħala dispożizzjonijiet tranżitorji, li l-atti u l-miżuri ta' proċedura miksuba b'applikazzjoni, rispettivament, tar-Regolament Nru 17 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2842/98, tat-22 ta' Diċembru 1998, dwar is-smigħ tal-partijiet f'ċerti proċedimenti taħt l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 4, p. 204) jippreżervaw l-effetti tagħhom għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel regolamenti.

38 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 124 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tadotta dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida.

39 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 773/2004, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li nnotifikatilhom dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f'seduta, jekk huma jitolbu dan fis-sottomissjonijiet miktuba tagħhom. Għalhekk, sa fejn, kif jirriżulta mill-punt 35 ta' din is-sentenza, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali ma humiex affettwati mill-annullament tad-deċiżjoni tal-2002, għandu jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni tatx lill-imsemmija partijiet l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom matul is-seduta mmexxija konformement mar-rekwiżiti proċedurali tar-Regolamenti Nri 1/2003 u 773/2004, kif inhi obbligata li tagħmel.

40 F'dan ir-rigward, għand jiġi rrilevat li, taħt is-sistema proċedurali stabbilita mir-Regolament Nru 1/2003, kif spjegat fir-Regolament Nru 773/2004, huwa previst, fl-Artikolu 14(3), tiegħu li l-awtoritajiet ta' kompetizzjoni tal-Istati Membri huma mistiedna li jattendu s-seduta li, fuq talba tad-destinatarji għal dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, issegwi l-għoti ta' din tal-aħħar.

41 Madankollu, fir-rigward tas-seduti li seħħew matul is-sena 2002, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ma attendewx għal dik tat-13 ta' Ġunju 2002, peress li tali attendenza ma kinitx prevista mit-Trattat KEFA li kien fis-seħħ dak iż-żmien. Huwa stabbilit li din is-seduta kienet tirrigwarda l-mertu tal-kawża, jiġifieri tirrigwarda l-aġir li l-Kummissjoni qed tilmenta dwaru mal-impriżi innotifikati bid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Dan jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 379 sa 382 tad-deċiżjoni kkontestata u huwa kkonfermat fil-punt 148 tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tad-

9 ta' Diċembru 2014, Alfa Acciai vs Il-Kummissjoni (T-85/10, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1037), kif ukoll tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriera Valsabbia u Valsabbia Investimenti vs Il-Kummissjoni (T-92/10, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1032).

42 Min-naħa l-oħra, is-seduta tat-30 ta' Settembru 2002, li għaliha kienu ġew mistiedna r-rappreżentanti tal-Istati Membri konformement mar-regoli tat-Trattat KE issa applikabbli, b'mod partikolari konformement mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 2842/98, li jirrigwarda d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali, jiġifieri l-konsegwenzi legali tal-iskadenza tat-Trattat KEFA għall-prosegwiment tal-proċedura. Dan jirriżulta, minn naħa, minn din id-dikjarazzjoni li stiednet espressament id-destinatarji tagħha sabiex jinformawha bil-fehma tagħhom dwar is-suġġett tal-imsemmija oġġezzjonijiet addizzjonali. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni indikat, fil-punt 382 tad-deċiżjoni kkontestata, li hija ma qisitx neċessarju li tirrepeti s-seduta tat-13 ta' Ġunju 2002, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nri 17 u 1/2003, peress li din is-seduta, li għaliha ma attendewx ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ġiet miżmuma konformement mar-regoli tat-Trattat KEFA applikabbli f'din id-data. Barra dan, matul is-seduta komuni tal-Kawżi C-85/15 P sa C-89/15 P, il-Kummissjoni kkonfermat, b'risposta għal domanda tal-Qorti tal-Ġustizzja, li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali ma kinitx tirrigwarda l-fatti jew il-provi li kienu s-suġġett tal-proċedura.

43 Minn dan jirriżulta li f'din il-proċedura, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ma attendewx għal seduta li tirrigwarda l-mertu tal-kawża, iżda attendew biss għal dak li dwar il-konsegwenzi legali li jirriżultaw mill-iskadenza tat-Trattat KEFA.

44 Madankollu, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 28 u 29 ta' din is-sentenza, meta tiġi adottata deċiżjoni abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, il-proċedura li twassal għal din id-deċiżjoni għandha tkun konformi mar-regoli ta' proċedura previsti minn dan ir-regolament, anki jekk din il-proċedura bdiet qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

45 Minn dan isegwi, li qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet obbligata, b'applikazzjoni tal-Artikoli 12 u 14 tar-Regolament Nru 773/2004, li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom matul seduta li għaliha ġew mistiedna l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri. Għalhekk, ma jistax jiġi kkunsidrat li s-seduta tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mertu tal-kawża, issodisfat ir-rekwiżiti proċedurali dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni abbażi tar-Regolament Nru 1/2003.

46 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 124 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma għandhiex l-obbligu, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, li żżomm seduta ġdida, minħabba li l-impriżi kkonċernati kellhom diġà l-possibbiltà li jinstemgħu oralment matul is-seduti tat-13 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2002.

47 Kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punti 56 u 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, inkunsiderazzjoni tal-importanza, fil-kuntest tal-proċedura prevista mir-Regolamenti Nri 1/2003 u 773/2004, taż-żamma, fuq talba tal-partijiet ikkonċernati, ta' seduta li għaliha, konformement mal-Artikolu 14(3) tat-tieni regolament, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri huma mistiedna, l-ommissjoni ta' din is-seduta tikkostitwixxi ksur tal-forom proċedurali sostanzjali.

48 Sa fejn id-dritt għal tali seduta, previst mir-Regolament Nru°773/2004, ma huwiex irrispettat, ma huwiex neċessarju għall-impriża li d-drittijiet tagħha ġew b'hekk miksura li turi li dan il-ksur seta' influwenza, għad-detriment tagħha, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata.

49 Għaldaqstant, l-imsemmija proċedura hija neċessarjament ivvizzjata, indipendentement mill-konsegwenzi eventwalment dannużi għal Riva li jistgħu jirriżultaw minn dak il-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Éditions Odile Jacob, C-553/10 P u C-554/10 P, EU:C:2012:682, punti 46 sa 52, kif ukoll tad-9 ta' Ġunju 2016, CEPSA vs Il-Kummissjoni, C-608/13 P, EU:C:2016:414, punt 36).

50 Minn dak li ntqal jirriżulta li għandu jintlaqa' t-tieni aggravju mqajjem minn Riva u, għaldaqstant, li tiġi annullata s-sentenza appellata, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-aggravji oħra tal-appell.

Fuq it-talba għal deċiżjoni inċidentali

L-argumenti tal-partijiet

51 Permezz tat-talba tagħha għal deċiżjoni inċidentali, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, Riva titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara li l-proċedura segwita il-Qorti Ġenerali kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, sa fejn din il-proċedura kisret il-prinċipju ta' tul raġonevoli tal-proċedura, li jikkostitwixxi ksur suffiċjentement ikkaratterizzat minn regola tad-dritt li għandha bħala suġġett li tagħti drittijiet lill-individwi.

52 F'dan ir-rigward, Riva tirrileva li l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali damet madwar ħames snin, li tliet snin u xahrejn minnhom bejn it-tmiem tal-proċedura bil-miktub u l-ftuħ tal-fażi orali. Dan it-tul ma huwiex ġġustifikat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża. Fil-fatt, l-aggravji mqajma minn Riva ma jippreżentawx grad ta' diffikultà partikolarment għoli u ma jostakolawx lill-Imħallef Relatur milli jagħmel xogħlu f'inqas ħin. L-inerzja tal-Qorti Ġenerali ma hijiex spjegabbli permezz tal-adozzjoni ta' miżuri ta' organizzazzjoni jew struzzjoni u lanqas permezz ta' okkorrenza ta' inċidenti proċedurali. Riva ma kkontribwixxietx, bl-aġir tagħha, sabiex jiġi rrallentat it-trattament tal-kawża.

53 Il-Kummissjoni titlob li t-talba ta' Riva tiġi miċħuda.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

54 Fir-rigward tat-talba ta' Riva intiża sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja, tiddikjara ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jitfakkar li ksur, minn qorti tal-Unjoni, tal-obbligu tagħha li jirriżulta minn din id-dispożizzjoni, li tagħti deċiżjoni fuq il-kawżi li jiġu ppreżentati quddiemha f'terminu raġonevoli għandu jiġi ssanzjonat permezz ta' rikors għad-danni ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ir-rikors jikkostitwixxi rimedju effettiv. Għalhekk, talba intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danni kkawżati min-nuqqas ta' osservanza, mill-Qorti Ġenerali, ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' deċiżjoni ma tistax titressaq direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, iżda għandha titressaq quddiem il-Qorti Ġenerali stess. Din ikollha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 256(1) TFUE, u li tkun adita b'talba għall-kumpens, hija obbligata li tagħti deċiżjoni fuq tali talba f'kompożizzjoni differenti minn dik li biha tkun ħadet konjizzjoni tal-kawża li tat lok għall-proċedura li t-tul tagħha jkun ikkritikat (is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Repsol Lubricantes y Especialidades *et* vs Il-Kummissjoni, C-617/13 P, EU:C:2016:416, punti 98 u 99 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

55 Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni inċidentali ppreżentata minn Riva għandha tiġi miċħuda.

Fuq ir-rikorsi quddiem il- Qorti Ġenerali

56 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Hija b'hekk tista' tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

57 F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-elementi neċessarji sabiex tiddeċiedi definittivament ir-rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ppreżentat minn Riva quddiem il-Qorti Ġenerali

58 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li, għar-raġunijiet stabbiliti fil-punti 24 sa 49 ta' din is-sentenza, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata sa fejn tirrigwarda lil Riva minħabba ksur tal-forom proċedurali sostanzjali.

Fuq l-ispejjeż

59 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż

60 L-Artikolu 138(1) ta' dawn Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-imsemmija regoli, jipprovdi li l-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li Riva rebħet fil-kuntest tal-appell u peress li r-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ntlaqa', hemm lok, b'mod konformi mat-talbiet ta' Riva, li tikkundanna lill-Kummissjoni tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti minn Riva, kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest tal-appell.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Diċembru 2014, Riva Fire vs Il-Kummissjoni (T-83/10, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1034), hija annullata.

2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2009) 7492 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – vireg għar-rinfurzar tal-konkrit, adozzjoni mill-ġdid), fil-verżjoni emendata tagħha bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9912 finali, tat-8 ta' Diċembru 2009, hija annullata f'dak li jirrigwarda Riva Fire SpA.

3) Il-Kummissjoni għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż ta' Riva Fire SpA, inkorsi kemm għall-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll għal dan l-appell.

Firem